MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta ta' l-1 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 15/2000/1

George u Lonza sive Nancy konjugi Cardona

vs

Ferdinando sive Randu Zammit u
Peter Paul Zahra

**Il-Qorti;**

Rat ic-citazzjoni ta’ l-atturi fejn ippremettew:

Illi fit-23 ta’ Lulju 1999, l-attur George Cardona, li kien jahdem mal-konvenut bhala bennej ‘part time’, gie involut f’incident fuq il-post tax-xoghol f’garage li kien qieghed jinbena fit-triq l-Gharb, Rabat, Ghawdex, liema garage jifforma parti mill-farm bl-isem “Gejtu Grech Farm”;

Illi l-incident in kwistjoni gara minhabba l-fatt illi l-attur, li kien qieghed jibni f'gholi ta' hmistax-il filata jew aktar minghajr ilbies u materjal iehor protettiv safa' imtajjar ghal isfel mill-balla u l-imqass li kien fih knaten go fih tal-crane, liema crane kienet qeghdha tigi mhaddma permezz ta' "remote control" mill-konvenut l-iehor Peter Paul Zahra;

Illi minhabba dina l-waqgha, l-attur sofra feriti gravi per durata kemm f'rasu u precizament fil-"pre central region" tan-naha tax-xellug, kif ukoll frattura tat-tibia u fibula ta' saqajh il-lemin, kif jidher mill-anness rapport mediku (Dokument A);

Illi l-istess feriti gravi kkawzawlu debilita' permanenti fuq persuntu b'tali mod u manjera li rrendewh mhux kapaci ghax-xoghol, kif jigi pruvat dettaljatament waqt is-smiegh ta' l-istess kawza;

Illi l-istess incident fuq il-post tax-xoghol gara tort u htija tal-konvenuti jew ta' min minnhom u dana peress illi huma agixxew b'traskuragni grassa, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti li jirrigwardaw sahhet il-haddiem fuq il-post tax-xoghol u b'mod specjali tal-konvenut Ferdinand Zammit li mhux biss naqas li jara li l-post tax-xoghol, li kien taht il-kontroll tieghu, ikun, sa fejn huwa ragjonevolment prattiku, hieles minn kull periklu ghas-sahha u ghas-sigurta' tal-haddiema u li jipprevjeni li jigru disgrazzji jew korriment iehor fuq il-post tax-xoghol, imma ghad-dirittura huwa naqas li jiehu dawk il-mizuri kollha prattici u necessarji sabiex jassiguraw is-sahha tal-haddiema u skansar taghhom min kull perikolu fuq il-post tax-xoghol, inkluz li jipprovdi lill-haddiema taht il-kontroll u supervizjoni tieghu ilbies protettiv, liema nuqqasijiet waslu ghall-korriment gravi ta' l-attur fuq il-post tax-xoghol;

Illi l-konvenuti ghalkemm gew interpellati diversi drabi sabiex jersqu ghal-likwidazzjoni u hlas tal-istess danni, dawna baqghu inadempjenti;

Talbu ghaliex il-Qorti m'ghandhiex:

1. tiddikjara lill-istess konvenuti jew min minnhom unikament responsabbli ghall-incident fuq il-post tax-xoghol hawn fuq imsemmi u ghall-korriment gravi ta' l-attur;

2. tillikwida d-danni kollha sofferti mill-attur minhabba l-korriment tieghu gravi fuq il-post tax-xoghol u dana minhabba n-nuqqasijiet u negligenza u traskuragni ta' l-istess konvenuti, jew ta' min minnhom, kif spjegat hawn fuq, liema danni huma sewwa materjali kif ukoll fi kwalita' ta' lucrum cessans u telf ta' xoghol u dana okkorrendo permezz ta' perit li ghandu jigi nominat ghall-istess fini;

3. tikkundanna lill-istess konvenuti, jew min minnhom, li jhalsu lill-attur id-danni kollha hekk sofferti u likwidati;

Bl-ispejjez komprizi dawk taz-zewg ittri ufficjali tas-26 ta' Novembru 1999 u tal-25 ta' Jannar 2000 kif ukoll tal-mandat ta' inibizzjoni bin-numru 9/00G u l-iehor bin-numru 19/00G u bl-ingunzjoni ta' l-istess konvenuti ghas-subizzjoni.

Bl-imghaxijiet ukoll skond il-ligi.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghhom annessa l-lista tax-xhieda u l-lista ta' dokumenti.

Rat l-eccezzjonijiet tal-konvenuti li eccepew:

1. li t-talbiet attrici huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatti ghaliex l-incident in kwistjoni ma kienx dovut ghal xi htija da parti taghhom jew min minnhom izda kien incident ghal kollox fortuwitu u dovut ghall-forza magguri;

2. li minghajr pregudizzju ghas-suespost m'huwiex minnu illi Ferdianando Zammit b'xi mod naqas li jara li l-post tax-xoghol kien, sa fejn huwa ragonevolment prattiku, hieles minn kull perikolu ghall-haddiema tieghu;

3. li dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-allegat nuqqas ta' Ferdinando sive Randu Zammit illi

jipprovdi ilbies protettiv lill-hadiema tieghu b'ebda mod u manjiera ma' kien xi element kontributur ghall-incident meritu din l-kawza;

4. li finalment il-grad ta' debilita' illi l-attur qieghed jippretendi illi sofra per konsegwenza ta' l-incident de quo, kif ukoll l-ammont ta' danni illi huwa qieghed jallega illi sofra per konsegwenza ta' l-istess incident huma esagerati ghall-ahhar u dawn il-pretensjonijiet gonfjati ghall-ahhar da parti ta' l-attur ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni meta l-Qorti tigi sabiex eventwalment takkolla l-ispejjez gudizzjarji fost il-kontendenti, dejjem jekk jirrizulta xi htija, anke kontributorja da parti tal-eccipjenti;

5. salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghhom annessa l-lista tax-xhieda;

Rat id-digriet taghha diversament preseduta tat-18 ta' Mejju 2000 fejn gie nominat l-Avukat Joseph Micallef Stafrace bhala perit legali – folio 14;

Rat il-verbal tal-udjenza tad-9 ta' Marzu 2001 li bih rratifikat ftehim tal-kontendenti li l-provi tal-kawza kriminali nkluz dak li hemm fl-atti tal-Inkjesta Magisterjali jkunu jghoddu wkoll bhala prova ghal din il-kawza civili u ghal dan il-fini titqieghed kopja skond il-bzonn tax-xhieda fl-atti ta' din il-kawza – folio 22;

Rat l-istess verbal ta' l-udjenza fejn gie nominat Victor Galea B.Sc, M.Sc, Dic C.Eng bhala espert fil-kamp metalurgiku biex jassisti lill-perit legali l-Avukat Joseph Micallef Stafrace – folio 39;

Rat id-digriet taghha tat-13 ta' Lulju 2001 fuq talba tal-perit legali u nnominat lit-tabib newrologista Lawrence Zrinzo u t-tabib ortopediku Raymond Gatt bhala esperti medici, revokat sussegwentement fil-konfront ta' l-ewwel fuq talba tieghu u sostitwit bit-tabib newrologista Norbert Vella – folio 44 u 47;

Rat ir-relazzjoni ta’ l-espert legali Dottor Joseph Micallef Stafrace assistit mill-espert metallurgista Victor Galea – folio 50 et seq – debitament mahluf;

Rat folio 174 rikors tal-konvenuti fejn talbu l-hatra ta’ periti perizjuri u d-digriet taghha folio 234 fejn cahdet it-talba;

Rat il-verbal folio 178 kontenenti talba tal-partijiet ghan-nomina ta’ esperti medici addizjonali li gew nominati fil-persuni tat-tobba Dr Anthony Galea Debono u Mr Anthony Bernard u r-relazzjoni taghhom, debitament mahlufa - folio 191 et seq;

Semghet il-provi li l-partijiet resqu quddiemha u ezaminat il-provi l-ohra kollha prodotti;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha nkluzi n-noti ta’ osservazzjonijiet rispettivi tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

Din il-kawza tirrigwarda incident fuq ix-xoghol, precizament fuq sit ta’ bini fi Triq il-Gharb, Rabat, Ghawdex, li b’konsegwenza u fil-kors tieghu l-attur wegga’ serjament u safa’ parzjalment u permanentement dizabilitat. L-attur qieghed ifittex sabiex jigu likwidati d-danni kemm dawk emergenti u kemm dawk lucri cessanti u r-rizarciment ta’ l-istess mill-konvenuti jew min minnhom. Hu fatt assodat, sorrett mill-provi, li l-attur irriporta d-danni minnu lamentati waqt li kien qieghed fl-impieg tal-konvenut Ferdinandu sive Randu Zammit waqt li kien qieghed ipoggi knaten fil-bini ta’ hajt tad-dobblu. Hawnhekk il-Qorti ser tirriproduci siltiet li fil-fehma taghha huma rilevanti ghall-finijiet ta’ din il-kawza civili u li jaghtu stampa tad-dinamika ta’ l-incident kif deskritta a tempo vergine mill-Arkitett Guido Vella nominat fl-inkjesta u riprodotta fir-relazzjoni ta’ l-esperti taghha Dottor Joseph Micallef Stafrace u Victor Galea. Intqal hekk: “li l-ferut George Cardona kien qieghed ipoggi l-knaten sabiex jibni hajt tad-dobblu u kellu barmil mimli tajn frisk. Huwa lahaq ferex it-tajn fuq il-hajt u kien ser jaqleb il-kantun li jmiss

meta ntlaqat mill-‘arm’ tal-crane. Jidher li parti mill-arm tal-crane cediet u tghawget b’mod illi waqghet ghal fuq il-ferut u laqtitu. Huwa waqa’ lura ghal fuq mazz xkejjer tal-qamh, li kien imghotti bis-silla… iz-zarbuna tal-lemin tal-ferut instabet taht sieq il-crane; kienet tal-‘canvas’. Jidher illi l-crane kienet qed tithaddem bl-elettriku sabiex itella’ l-knaten, u l-wire cables konnessi ma’ din il-crane kienu jidhru li kienu ghadhom f’posthom. Il-crane kienet qed tithaddem permezz ta’ ‘remote control’. Parti mill-crane, li qeghdha fuq nett, tghawget fuq il-lemin, u ma regghetx giet dritta. Il-crane kellha l-kliem FB GRU 800 miktubin fuqha. Fit-tarf tal-‘wire cable’ li kienet terfa’ l-crane, kien hemm ganc, u mieghu kellu grabja li tintuza biex ittella’ l-knaten. Din il-grabja nstabet fl-art fuq in-naha ta’ barra tal-hajt li kien qed jibni l-ferut. Il-‘cables’ instabu jistriehu fuq il-kantun li kien ser ipoggi l-ferut. Xi tmien filati aktar ‘l isfel minn fejn kien qieghed jibni l-ferut, kien hemm armar tal-fallakki fuq il-hadid, poggut matul il-hajt li kien qed jinbena. Fil-hin ta’ l-incident ix-xemx kienet tisreg u kien hemm il-kalma”. Din id-deskrizzjoni ta’ l-incident taqbel ma’ dik deskritta fir-relazzjoni tal-perit legali nominat fl-istess inkjesta, l-Avukat Kevin Mompalao, li sewwa sew tati deskrizzjoni aktar grafika ta’ l-istess incident u fiha hemm migbura x-xhieda li nstemghu ghall-finijiet tal-inkjesta. A skans ta’ ripetizzjoni l-Qorti qeghdha taghmel pjena referenza ghall-istess relazzjoni senjatament mill-paragrafu 5 (folio 108) sal-paragrafu 53 (folio 129).

Illi dwar dan l-ewwel aspett tal-vertenza, cioe’, x’kienet il-kawza li ikkagunat il-waqgha ta’ l-attur, hemm xi fatti li din il-Qorti tixtieq tissoferma fuqhom. Dawn huma

(i) li fil-waqt illi hadd ma ra lill-attur attwalment jigi milqut mill-crane huwa fatt li fil-mument ta’ l-incident dan zviluppatlu xi hsara u huwa verosimili u aktar minn probabbli, desumibbli mill-fattispecje u l-entita’ tal-feriti, illi l-attur intlaqat minn wahda mill-gwienah tal-crane li kkagunatlu l-waqgha , fortunatament ghalih, fuq materjal li taffa, mhux ftit, il-konsegwenzi tal-waqgha;

(ii) li lanqas mhu fattur traskurabbli kif kien poggut il-crane vis-à-vis il-hajt b’gwenhajh jittraversawh;

(iii) li l-waqgha u l-korriment konsegwenzjali huma stat ta’ fatt anzi huma l-fatturi centrali tal-kawza li dwarhom il-konvenuti gew imsejha biex jirrispondu; u huwa f’dan il-kuntest li tassumi importanza l-parti teknika tal-kawza li ghal darba, darbtejn, (ara apparti r-relazzjoni, wkoll folio 149) eskludiet difett fil-makkinarju tal-crane u attribwit dak li gralu ghal ‘overloading’. Din hi wkoll l-konvinzjoni ferma tal-Qorti fformulata wara ezami rett tal-provi in atti.

Jista jinghad f’dan l-istadju li m’hemm xejn, anzi l-provi jeskludu, xi responsabbilita’ da parti tal-konvenut Peter Paul Zahra b’dan illi l-indagni dwar r-responsabilita’ minn dan l-istadju ‘l quddiem ghandha tigi indirizzata lejn l-konvenut Ferdinandu Zammit salv kull agir tal-attur li seta’ u ta’ lok ghall-kontribuzzjoni tieghu ghall-akkadut.

Dan il-fattur tar-responsabilita’ jindirizza l-kawza fit-tieni aspett taghha. F’dan il-kuntest, kif ben tajjeb jinghad mill-espert legali, l-attur kien fejn kien fuq xogholu, qua impjegat ta’ l-imghallem tieghu, il-konvenut Zammit, jaghmel xoghol ta’ bennej li ghalih kien tas-sengha ghalkemm ma kellux licenzja. Mill-aspett ta’ ligi hu assodat, kemm gurisprudenzjalment u kemm dottrinalment, li mghallem ghandu joffri sistema ta’ xoghol sigur u adegwat. F’dan ir-rigward dan certament ma jistax jinghad li kien il-kaz fuq dan il-lant tax-xoghol. Huma proprju f’lokhom il-kliem adoperati mill-espert legali li dan l-aspett ta’ sigurta’ kienet kwazi haga estranja, tant estranja ghall-konvenut Zammit, zied il-Qorti, kif tevidenzja x-xhieda tieghu riportata folio 261. Intant gie pruvat li l-konvenut la kien libes elmu (‘safety helmet’) u lanqas kellu, u ma giex provdut, b’zarbun adegwat (‘saftey shoes’). Anka r-riparar li kien hemm kien manifestament inadegwat bil-mod kif kien armat xi tmien filati ‘l isfel minn fejn kien qieghed jahdem l-attur.

Mill-aspett tal-kontributorjeta’ il-figura guridika taghha tippresupponi n-negligenza bazata fuq l-aforisma *“qui culpa sua damnum sentit non intelligitur damnum sentire*” u tinsab preveduta fl-Artikolu 1051 tal-Kodici Civili. Fih

hija prospettata l-ipotesi li d-danneggjat, b'nuqqas ta' prudenza, ta' diligenza, jew ta' hsieb, ikun ikkontribwixxa jew ta' okkazjoni ghall-hsara. Jigifieri, huwa jrid ikun ikkommetta htija ('culpa') fis-sens ta' l-Artikolu 1032 u fis-sens li jrid ikun ghamel jew naqas li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mil-ligi (Artikolu 1033); fi kliem iehor, id-danneggjat irid ikun ikkommetta vjolazzjoni jew trasgressjoni ta' dover li f'dan il-kaz kien li jhares mhux biss is-sahha u s-sigurta' ta' haddiema ohra fuq il-lant tax-xoghol, izda tieghu wkoll (dover impost bl-Artikolu 3 subiniz 4 tal-Kap 367 li kien il-ligi applikabbli meta sehh l-incident). Xhieda, mhux kontradetta, tafferma li l-attur, jekk xejn, irrifjuta li jkollu ghall-inqas elmu stante li 'safety shoes' qatt ma gew lilu provduti. Hemm ghalhekk kontibutorjeta' negligenti ta' l-attur li l-Qorti sejra tqis, fid-diskrezzjoni taghha, li ghandha iggorr terz tal-htija.

Illi apparti dan l-Qorti teskludi bl-aktar mod kategoriku li f'dan il-kaz kien hemm xi fattur fortuwitu li ta aditu ghall-infortunju billi x-xena fuq dan il-lant tax-xoghol ma kinitx certament xempju ta' post sigur. In-nuqqasijiet kienu, kif intqal fuq, manifestament lampanti tali li xi tip ta' incident kien jew kellhu jkun prevedibbli.

Illi l-ahhar aspett tal-kawza jirrigwada l-likwidazzjoni tad-danni. Hawnhekk, din il-Qorti taqbel mal-likwidazzjoni raggunta fir-relazzjoni peritali biss fir-rigward d-danni emergenti. In sintonija ma' l-abbli espert perit legali l-Qorti hi tal-fehma illi l-ammonti rikjesti mill-attur ghal dawn id-danni, ammontanti ghal hames mija u erbgha u tletin lira Maltin (Lm534), huma kollha rizarcibbli. Ma taqbilx pero' in kwantu li l-likwidazzjoni in via ta' lucri cessanti giet kalkolata fuq introjtu annwu u medju ta' sebat elef lira Maltin (Lm7000). Ir-ragunijiet huma: illi ghalkemm jirrizulta li l-attur fil-mument li sofra d-debilita' kellu 41 sena, jigifieri kellu quddiemu 20 sena hajja lavorattiva, fil-prospett tad-dikjarazzjoni ta' l-introjtu annwali tieghu ghall-finijiet ta' taxxa, hemm biss indikat l-introjtu ghax-xoghol fiss. Issa, fil-waqt li hu ovvju li ghal xoghol ta' bennej li kien jaghmel 'extra' mal-konvenut l-attur kien jithallas, oltre l-paga ta' impjegat tal-Gvern bhala 'watchman', kien jispetta lilu li jipprova l-qliegh medju u annwu tieghu. Din

il-prova ma tirrizultax u ghalhekk ghall-fini li tistabbilixxi l-qliegh il-Qorti hi tal-fehma li ghandha tadotta qliegh medju u annwu ta' erbat elef u hames mitt lira Maltin (Lm4500) tul firxa ta' 20 sena wkoll biex jirrifletti l-inflazzjoni u kull inkrimenti annwi. Ghal dak li huwa l-grad ta' dizabilita' hemm zewg percentaggi rizultat ta' zewg ezamijiet distinti u separati li saru minn esperti medici, it-tnejn li jinkorporaw valutazzjoni minn tobba esperti fil-qasam tan-newrologija u l-ortopedija. Fl-ewwel rapport debitament mahluf, li kien a disposizzjoni tal-espert legali taghha, l-esperti medici fil-persuna tat-tabib Ray Gatt (ortopediku) u it-tabib Norman Vella (newrologista) – folio 66 et seq – hemm stabbilit grad totali ta' disabilita' fil-percentagg ta' sittax fil-mija (16%) – li mil-lat ortopediku jikkonforma mal-percentagg raggunt minn Mr Charles Grixti (ingaggjat privatament mill-attur). Minn naha l-ohra l-esperti medici addizzjonali, nominati fuq talba taz-zewg partijiet, stabbilew dizabilita' totali ta' hamsa u ghoxrin fil-mija (25%) b'varjazzjoni fi grad sostanzjali mil-lat newrologiku – differenza ta' sebgha fil-mija (7%) - waqt li mil-lat ortopediku d-differenza hija marginali. Rinfaccjata b'din is-sitwazzjoni din il-Qorti ser tadotta grad totali ta' dizabilita' ta' ghoxrin fil-mija (20%).

Illi mill-bqija il-Qorti mhiex qeghdha tirriskontra ebda raguni l-ghala b'ghandhiex tapplika f'dan il-kaz t-tnaqqis ta' 20% stante pagament tas-somma f'salt.

Inghad dan ghalhekk qeghdha tillikwida l-ammont dovut fis-somma ta' disat elef u sitt mitt lira Maltin (Lm9,600) mahduma fiha t-terz li l-attur ghandu jbati ghan-negiligenza kontributorja tieghu.

Tiddeciedi ghalhekk in aderenza ghat-talbiet ta' l-attur u l-eccezzjonijiet tal-konvenut Ferdinandu sive Randu Zammit billi tiddikjara r-responsabbilita' ghall-incident kwantu fi grad ta' zewg terzi fuq l-konvenut Ferdinandu sive Randu Zammit u kwantu ghall-terz fuq l-attur, tillikwida d-danni sofferti mill-attur fis-somma ta' Lm9,600 u tikkundanna lill-konvenut Ferdinandu sive Randu Zammit ihallas din is-somma hekk likwidata lill-attur.

Tirrispingi t-talbiet ta' l-attur fil-konfront tal-konvenut l-iehor Peter Paul Zahra.

In kwantu ghall-ispejjez dawn ghandhom jkunu a karigu tal-konvenut Ferdinandu sive Randu Zammit hlief ghal dawk fil-konfront tal-konvenut Peter Paul Zahra li ghandu jbatihom l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------